# Il-Qgħad Irreġistrat: Lulju 2024

NR 157/2024 Data tal-Ħruġ: 27 ta' Awwissu 2024

*F'Lulju 2024, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 1,121 biex b'hekk żdied b'228 persuna meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Lulju 2024 kien hemm żieda ta' 230 persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqis ta' żewġ min-nies fuq it-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). Iż-żidiet fir-reġistrar dehru fil-gruppi tal-età kollha (Tabella nru 1). L-irġiel kienu jgħoddu mad-69.1 fil-mija ta' dawk li kienu qegħdin jirreġistraw (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kienu rreġistrati żidiet fit-tliet meded ta' żmien. Żieda ta' 33.8 fil-mija, li tissarraf daqs 175 persuna, kienet irreġistrata fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa. L-ammonti ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa u tal-oħrajn li kienu fuq ir-reġistru għal iżjed minn sena żdiedu b'47 u sitta, rispettivament (Tabella nru 2).

F'Lulju 2024, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol żdied b'erbgħa meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq il-230 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 74.8 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbiltà (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, bi 23.0 fil-mija u b'39.0 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

